Under the Patronage of
His Excellency the President of Malta
and
unesco

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 20 ta' Marzu 2024

## Nesploraw il-Mediterran permezz tax-xjenza u l-arti waqt l-Ocean Weekend tal-maltabiennale.art

Hekk kif il-maltabiennale.art ikompli jiċċelebra l-arti kontemporanja u l-wirt f'Malta, qiegħed ukoll iniedi l-avventura Art Explora Festival f'Malta permezz ta' kollaborazzjoni speċjali. Dan il-festival kulturali miftuħ għal kulħadd, li jieħdok fuq ġita mal-Mediterran permezz tad-dgħajsa-mużew tiegħu, se jilqa' fi ħdanu l-Ocean Weekend, avveniment tassew interessanti li se jsir fit-23 u l-24 ta' Marzu. Fih se jintlaqgħu esperti Maltin u internazzjonali bi sfondi transdixxiplinari biex jitkellmu dwar l-oċeani minn perspettivi differenti.

Waqt l-ewwel weekend tal-Art Explora Festival f'Malta, l-Ocean Weekend se jibda f'Xatt Pinto, fejn il-Valletta Waterfront, b'kollaborazzjoni bejn il-maltabiennale.art, Heritage Malta, l-Ambaxxata ta' Franza f'Malta, u l-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja f'Malta. Il-programm, li hu spirat minn temi ewlenin li jagħmlu parti mill-Padiljun Prinċipali tal-biennale, huwa ddisinjat biex joħloq pjattaforma għad-djalogu u l-innovazzjoni li flimkien joħolqu pont bejn l-arti, ix-xjenza, u s-soċjetà, bl-għan li tittrawwem kuxjenza u tittieħed azzjoni fil-konfront tal-konżervazzjoni tal-oċeani.

L-ewwel ġurnata tal-Ocean Weekend, ikkurata minn Sofia Baldi Pighi u Emma Mattei mill-Padiljun Prinċipali tal-maltabiennale.art, se tesplora t-tema "Bħall-Baħar, Aħna: Il-Mediterran bħala korp politiku." Din l-esperjenza immersiva se tfannad fir-relazzjoni profonda ta' Malta mal-baħar u tesplora s-sinifikat storiku, kulturali, u ġeopolitiku tagħha. Permezz ta' panel ta' diskussjoni li jinkludi fih esperti lokali u internazzjonali, il-parteċipanti se jesploraw ir-rwol divers tal-Mediterran fil-formazzjoni tal-identità ta' Malta. Iktar tard, dawk preżenti jistgħu jgawdu "Sound Lunch" uniku bil-mużika tal-kompożitriċi tal-mużika elettronika Maltija JOON, segwita minn wiri ta' films interessanti u diskors. B'hekk inwiegħdu ġurnata ta' esplorazzjoni u ta' diskussjonijiet imqanqlin dwar l-essenza tal-baħar u l-impatt profond tiegħu fuq l-eżistenza umana.

It-tieni jum tal-programm huwa kkurat minn Andrew Borg Wirth mill-Padiljun Franko-Ġermaniż tal-maltabiennale.art u fih se tiġi esplorata t-tema "L-Oċean bħala Arkivju." B'enfasi fuq ir-rwol tal-oċean bħala arkivju dejjiemi u riżorsa vitali, il-programm ifittex li jqanqal djalogu u kollaborazzjoni bejn bosta ħassieba, xjentisti, u artisti biex jiffaċċjaw ċerti sfidi ambjentali u jippromwovu l-konżervazzjoni tal-ibħra. Dawk preżenti jistgħu jistennew panels ta' diskussjoni

interessanti immens bl-involviment ta' esperti fix-xjenza marittima u l-arti, ikla immersiva b'mużika minn Dolphin Club, wiri ta' films, u taħditiet minn kuraturi ewlenin u prattikanti artistiċi dwar l-emerġenza tal-klima li qed jiffaċċjaw l-oċeani tagħna. B'hekk din il-kwistjoni urġenti se tiġi indirizzata minn perspettivi varji.

Titlifx din l-opportunità unika biex tingaġġa ma' dawn il-kwistjonijiet urġenti li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-oċeani tagħna filwaqt li tesperjenza l-qawwa trasformattiva tal-arti u l-kultura. Id-dħul għall-avvenimenti kollha tal-Ocean Weekend huwa bla ħlas imma jeħtieġ li tirreġistra. Irriserva postok u esplora l-programm sħiħ billi ssegwi din il-ħolqa. Id-dgħajsa-mużew tal-Art Explora Festival se tkun wieqfa f'Malta sal-31 ta' Marzu 2024, u se toffri muża kontinwa u edukazzjoni dwar is-sinifikat tal-oċeani tagħna minn perspettiva kulturali distinta waqt li żżid mal-programm ta' avvenimenti rikki u diversi li huma parti mill-maltabiennale.art.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 20th March 2024

## Exploring the Mediterranean through science and art at maltabiennale.art's Ocean Weekend

As maltabiennale.art continues its celebration of contemporary art and heritage in Malta, it proudly kicks off the Art Explora Festival adventure in Malta through this special collaboration. This open-access cultural festival, touring the Mediterranean on its boat-museum, will host Ocean Weekend, an engaging and thought-provoking event on March 23rd and 24th, hosting Maltese and international experts from transdisciplinary backgrounds to speak about the oceans through various lenses.

During the first weekend of Art Explora Festival's visit to Malta, Ocean Weekend will unfold at Xatt Pinto, Valletta Waterfront in collaboration with maltabiennale.art together with Heritage Malta, and the Embassies of France and the Federal Republic of Germany in Malta. The programme, which is inspired by key themes under the biennale's Main Pavillion, is designed to create a platform for dialogue and innovation that bridges the gap between art, science, and society to promote awareness and action around ocean conservation.

The first day of the Ocean Weekend, curated by Sofia Baldi Pighi and Emma Mattei from the Main Pavilion at maltabiennale.art, dives into the theme "The Mediterranean as a Political Body: Can You Sea?" This immersive experience delves into Malta's intricate relationship with the sea, exploring its historical, cultural, and geopolitical significance. Through an insightful panel discussion featuring local and international experts, participants will dissect the multifaceted role of the Mediterranean in shaping Malta's identity. Later, attendees can enjoy a unique "Sound Lunch" featuring music by Maltese electronic music composer JOON, followed by insightful film screenings and a keynote talk, promising a day of engaging exploration and thought-provoking discussions on the essence of the sea and its profound impact on human existence.

The second day of the programme is curated by Andrew Borg Wirth from the Franco-German Pavilion at maltabiennale.art and will explore the theme "The Ocean as an Archive." With a focus on the ocean's role as a timeless archive and a vital resource, the programme seeks to foster dialogue and collaboration among thinkers, scientists, and artists to confront environmental challenges and advocate for ocean conservation. Attendees can look forward to engaging panel discussions featuring experts in marine science and art, an immersive lunch

featuring music by Dolphin Club, film screenings, and talks by leading curators and practitioners on the climate emergency facing our oceans, addressing this urgent issue from diverse perspectives.

Don't miss this unique opportunity to engage with pressing issues facing our oceans while experiencing the transformative power of art and culture. Attendance to all Ocean Weekend events is free but requires registration. Secure your spot and explore the full programme details by following this link. The Art Explora Festival's boat-museum will be docked in Malta until March 31st, 2024, presenting ongoing inspiration and education on the significance of our oceans from a distinct cultural perspective and adding to the richly diverse programme of events as part of maltabiennale.art.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*